MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru 1001/2012

Il-Pulizija

(Spettur Luke Bonello)

vs

Josef Xerri

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet kontra l-imputat ta’ karta tal-identita’ numru 460594m, akkuzat talli nhar id-29 ta’ Settembru 2012 ghal habta tas-siegha ta’ filghodu, gewwa San Giljan:

1. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluxxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
2. fl-istess lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hekk ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi

minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Pc817 Gareth D'Amato sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;
4. fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
5. fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indah fi dmiru billi ma halliex lill-haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;
6. fl-uistess lok, hin u cirkostanzi, kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghtija nhar is-7 ta' Settembru 2011 mill-Magistrat Dr M. Farrugia liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel;

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnhu citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti ai termini tal-istess;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tkompli tinstema u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mill-atti jirrisulta li tul il-kompilazzjoni fl-udenzi tal-10 ta' Ottubru 2012 u l-20 ta' Novembru tal-istess sena l-imputat kien irregistra ammissjoni. Fuq l-iskorta tal-istess l-Avukat Generali kien hareg l-artikoli tal-ligi li fil-fehma tieghu kienu japplikaw ghall-kaz u jservu ta' gudizzju kontra l-imputat. Ai termini taghhom l-imputat jinsab akkuzat taht il-Kap 9 u fil-konfront ta' ufficjali pubblici (Art 92): b'ingurji jew theddid kontra taghhom jew b'offizi fuq il-persuna taghhom (Art.95); b'attakk jew resistenza kontra l-istess (Art.96); b'hebb (Art 339/d); b'ksur volontarju tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art 338/dd); li ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-pulizija; akkuzat ukoll li ikkommetta reat matul sentenza sospiza (Art.28B); ukoll li hu recidiv (Art.28F, 49,50); wkoll il-Kap 446 taht l-Artikolu 23 li jittratta dikjarazzjoni ta' htija wara ordni. Il-fatti jirrisulaw filli l-imputat intrometta ruhu fix-xoghol tal-pulizija li kienu qed jaghmlu tficcija fuq persuna barranija u estranja ghal kaz tal-imputat. Jirrisulta li hawnhekk fil-waqt li fixkel ix-xoghol tal-pulizija ta' daqqa ta' ras lil Pc817.

Dwar il-piena: jirrisulta minn rapport tal-ufficjal tal-probation appositament nominat li l-imputat mhux idoneju ghal xoghol fil-komunita' b'daqstant li hi l-fehma tal-Qorti fuq l-iskorta ta' dak ir-rapport li l-kwalita' ta' piena fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva stante wkoll r-recidiva u l-ksur ta' sentenza sospiza u ta' sanzjoni kommunitarja.

Wara li l-Qorti ikkonsidrat l-eta’ minuri tal-imputat fiz-zmien il-kommissjoni tar-reati lilu addebitati (Art 37 tal-Kap 9) u l-konkors tar-reati (Artikolu17 tac-citat Kap) flimkien mal-Artikoli l-ohra tal-ligi fuq citati tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu komplessiv ta’ disa xhur prigunerija (li fih hemm kompriza il-piena ghall-ksur tas-sentenza sospiza) wara li rat ukoll l-Artikolu 18, 276, 28B tal-Kap 9.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------